# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru:424/97

Emanuel Zammit

vs

Direttur Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

Illum 28 ta’ Novembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1988 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjonijiet u wara l-1991 gie trattat b'mod diskriminatorju filli ma nghatax l-istess hlas bhal impjegati shabu.

Illi l-fatti fil-qosor huma kif gej:-

Ir-rikorrent jahdem bhala general hand mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u ezattament jaqdi l-funzjonijiet tieghu gewwa ta' Qali. Fl-1993 kien ghamel interview ghal driver mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u ghadda mill-istess interview, izda ma giex appuntat f'din il-kariga. Barra minnhekk ir-rikorrent kien jaghmel l-overtime u kien jithallas tieghu bit-time off.  Bejn is-6 ta' Gunju 1994 u l-10 t'Awwissu 1994 huwa inghata 25 siegha time off filwaqt li shabu nghataw 130 siegha time off. Dan kollu sar minhabba t-twemin politiku tar-rikorrent.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku  anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata l-promozzjonijiet u l-arretrati li tilef u kif ukoll il-hlas ta' overtime li hadem u ma thallasx jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata jigi ordnat li jithallas kumpens skond il-ligi.

Ra l-lista tax-xhieda esebita mir-rikorrent.

Ra r-risposta ta’ l-intimat li eccepixxa:

Illi preliminarjament ir-rikors promotur ma ghandu l-ebda effett kontra l-intimat stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bl-

istess rikors u dan a tenur ta' l-Artikolu 181(B) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzji ghas-suespost ir-rikorrent irid jispecifika d-dettalji ta' dak li qed jallega stante illi fl-1993 ma kienx hemm applikazzjonijiet ghal 'Motor Transport Drivers fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

Illi l-konsiderazzjoni ta' l-ilment tar-rikorrent illi huwa nghata inqas sieghat ta' "time Off" minn shabu taqa' barra l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal billi ma  tirrigwardax hatriet, promozzjonijiet jew trasferiment ta' ufficjal pubbliku jew ta' impjegat ta' korp imwaqqaf b'ligi, dhul fl-impjieg, jew licenzji jew permessi mehtiega b'ligi, u dan ai termini ta' l-Art. 6(1) ta' l-Att VIII tal-1997.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-"time off" jinghata skond l-esigenzi tas-servizz.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent issottomettew illi ma hemm xejn allegat fir-rikors li jista' jiggustifika ir-rimedju mitlub.

Ra l-lista tax-xhieda esebita mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi l-intimat eccepixxa li preliminarjament ir-rikors promotur ma ghandu l-ebda effett kontra l-intimat stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bl-istess rikors u dan a tenur ta' l-Artikolu 181(B) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi l-artikolu 181B (3) jghid:
“Kull rikors, citazzjoni, jew att gudizzjarju iehor maghmul kontra l-Gvern ghandu jigi notifikat lil kull kap ta’ dipartiment tal-gvern li kontra tieghu jkun dirett u lill-Avukat Generali u kull terminu biex issir risposta jew nota ta’ l-eccezzjonijiet dwar att bhal dak minn kull kap ta’ dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proceduri gudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jigi notifikat lill-kap jew kapijiet ta’ dipartimenti tal-gvern li kontra taghhom ikun dirett u lill-Avukat Generali. In-notifika lill-Avukat Generali ssir bla hlas lir-registratur.”

Fil-kawza Borg Lawrence vs Direttur tal-Progetti u Zvilupp deciza mit-Tribunal fl-4 ta’ April, 2000, it-Tribunal qal:

“Illi fir-risposta tad-Direttur tal-Progetti u Zvilupp il-Ministru Biedja u Sajd u l-Prim Ministru hemm eccepit li r-rikors promotur ma ghandu l-ebda effett kontra l-intimati stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bl-istess rikors u dan ai

termini tal-artikolu 181(B) (3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili…

Minn dan johrog car li n-notifika lill-Avukat Generali hija essenzjali specjalment meta din tigi sollevata f'eccezzjoni tal-intimat. Ghal xi raguni r-rikorrent ma hax passi biex jissana dan l-izball. Il-Qorti ma tistax la tikkoregi hi minn rajjha, lanqas tissuggerixxi. In-notifika lill-Avukat Generali ma saritx u dan it-Tribunal ghalhekk jilqa' din l-eccezzjoni."

Il-kaz prezenti hu identiku. Dan it-Tribunal bil-fors ikollu jilqa' din l-eccezzjoni tal-intimat.

Spejjez kontra r-rikorrenti.